

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva “NORTHWOOD professional forest equipment” għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 8, 9, 20, 25 u 35 — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 9 412 776

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Norwood Promotional Products Europe, SL

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade mark verbali Komunitarja “NORWOOD” għal prodotti fil-klassi 35

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħa

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2013 — TrekStor vs UASI — MSI Technology (MovieStation)

(Kawża T-636/13)

(2014/C 39/42)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: TrekStor Ltd (Hong Kong, iċ-Ċina) (rappreżentant: O. Spieker, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: MSI Technology GmbH (Frankfurt am Main, il-Ġermanja)

Talbiet tar-rikorrenti

— tirrifirma d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI), tas-27 ta' Settembru 2013 (Każ R 1914/2012-4), fis-sens li tiġi miċħuda t-talba tal-applikanti għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja “MovieStation” tal-20 ta' Ġunju 2011, u tikkundanna lill-applikanti għall-ispejjeż.

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja reġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: it-trade mark verbali “MovieStation” għal prodotti fil-klassi 9 – Trade mark Komunitarja Nru 5 743 257

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: MSI Technology GmbH

Motivazzjoni tat-talba għal invalidità: Artikolu 52(1)(a) moqri flimkien mal-Artikolu 7(1)(b), (c) u (d) tar-Regolament Nru 207/2009.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: trade mark ikkonċernata ddikjarata invalida

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Diċembru 2013 — Sto vs UASI — Fixit Trockenmörtel Holding (CRETEO)

(Kawża T-640/13)

(2014/C 39/43)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Sto AG (Stühlingen, il-Ġermanja) (rappreżentant: K. Kern u J. Sklepek, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Fixit Trockenmörtel Holding AG (Baar, l-Isvizzera)

Talbiet tar-rikorrenti

— tirrifirma d-Deċiżjoni R 905/2012-4 tar-Raba' Bord tal-Appell tal-25 ta' Settembru 2013, billi tilqa' l-oppożizzjoni skont it-talbiet iffornulati quddiem il-Bord tal-Appell u billi tiċħad l-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 9 207 085;

— tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Fixit Trockenmörtel Holding AG

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "CRE-TEO" għal prodotti fil-klassijiet 1, 2, 17 u 19 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9 207 085

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade marks verbali Ġermaniżi "StoCretec" u "STOCRETE" għal prodotti fil-klassijiet 1, 2, 17 u 19

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Diċembru 2013 — Meda vs UASI — Takeda (PANTOPREM)

(Kawża T-647/13)

(2014/C 39/44)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Meda AB (Solna, l-Isvezja) (rappreżentanti: G. Würtenberger u R. Kunze, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Partijiet oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Takeda GmbH (Konstanz, il-Ġermanja)

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell, tal-25 ta' Settembru 2013, fil-Każ R-2171/2012-4 sa fejn tikkonċerna l-oppożizzjoni kontra l-applikazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 9 403 973 "PANTOPREM";

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern għall-ispejjeż tal-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "PANTOPREM" għal prodotti fil-klassi 5 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9 403 973

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Takeda GmbH

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade marks verbali Komunitarji "PANTOPAN", "PANTOMED", "PANTOPRAZ", "PANTOPRO" u t-trade mark verbali nazzjonali "PANTOP" għal prodotti fil-klassi 5

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħa

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b); tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 59, tal-Artikolu 64(1); tal-Artikolu 75; tat-tieni sentenza tal-Artikolu 76(1); tal-Artikolu 77 u tal-Artikolu 112(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2013 — TrekStor vs UASI (SmartTV Station)

(Kawża T-649/13)

(2014/C 39/45)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: TrekStor Ltd (Hong Kong, iċ-Ċina) (rappreżentant: O. Spieker, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-konvenut tal-1 ta' Ottubru 2013 (Każ R 128/2013-4) u tirrifirma d-deċiżjoni kkontestata billi tawtorizza integralment ir-reġistrazzjoni tat-trade mark "SmartTV Station" (Applikazzjoni Nru 010595577).

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.